BORD TA' DIXXIPLINA INTERNA

NEMO IUDEX IN CAUSA PROPRIAM

PRINCIPJI TA' GUSTIZZJA NATURALI

DRITT FONDAMENTALI GHAS SMIGH XIERAQ.

***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Hamis, 14 ta' April 2016.

## Rikors Numru: 424/2016/LSO

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 424/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Joseph Muscat, iben Saviour u Maria Muscat**

**nee` Azzopardi; u General Workers Union.**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Joseph Muscat u General Workers Union datat il-15 ta' Marzu 2016 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli:

tappunta jew tlaqqa' Bord ta' Dixxiplina u milli tisma' jew tressaq 'l quddiem proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti Joseph Muscat, *stante* li dawn ikunu bi ksur tal-ftehim kollettiv applikabbli u bi vjolazzjoni tal-jedd ta' smigh xieraq tal-imsemmi rikorrenti;

Illi l-esponenti Joseph Muscat huma haddiema mas-socjeta` intimata u wkoll *shop steward* tal-union rikorrenti;

Illi nhar it-23 ta' Dicembru 2015, is-socjeta` intimata akkuzat lill-esponenti Joseph Muscat li "Nhar l-Erbgha 16 ta' Dicembru 2015 u nhar il-Hamis 17 ta' Dicembru 2015 int assistejt u/jew ippartecipajt fl-organizzazzjoni ta' azzjoni ndustrijali mhux ufficjali u ghalhekk illegali, ghad-danni tal-Kumpanija. Int ukoll tajt informazzjoni hazina lil shabek il-haddiema bl-iskop li dawn jieqfu jahdmu, kif fil-fatt sehh." (Dok GWU1 anness);

Illi fil-11 ta' Marzu 2016, is-socjeta` intimata avzat lill-esponenti Joseph Muscat biex nhar l-Erbgha 16 ta' Marzu 2016 fis-2:00pm ikun fil-kamra tal-Bord tal-Freeport Centre sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontrih mill-Kumpanija kif fuq premess (Dok GWU2 anness);

Illi skont il-Ftehim Kollettiv applikabbli ghall-haddiema tal-kumpanija intimata, Bord ta' Dixxiplina ghandu "jkun kompost minn Chairman u zewg membri li jigu maghzula mill-Kumpanija wara konsultazzjoni mal-Union."

Illi minkejja l-premess, is-socjeta` intimata ikkostitwiet il-Bord ta' Dixxiplina b'mod unilaterali u minghajr ebda konsultazzjoni mal-union esponenti, li hija l-unika union rikonoxxuta ghall-fini ta' negozjar kollettiv;

Illi inoltre, u minghajr pregudizzjoni ghall-premess, l-esponenti jirrilevaw li l-kompozizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina li tippermetti lill-kumpanija li tappunta membri li mhux indipendenti, u li jistghu ma jkunux accettabbli ghall-union jew ghall-haddiem affetwat, tilledi d-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, *stante* li ma taghti ebda garanzija ta' imparzjalita` u indipendenza, u ma tassigurax rispett tal-principji bazici tal-gustizzja naturali;

Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet *Raymond Zammit vs General Workers' Union* (29 ta' Ottubru 2007, bil-mertu konfermat fl-appell) din l-Onorabbli Qorti irriteniet li *"skont il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali taghna l-pozizzjoni hi li l-individwu bhala regola ghandu dritt ghal protezzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tad-jeddijiet fondamentali tieghu anke jekk kommessi minn persuni li ma kienux l-istat, izda l-individwu l-ewwel irid ifittex il-protezzjoni kontra dawn il-vjolazzjonijiet taht il-ligijiet ordinarji. Jekk imbaghad dawn il-ligijiet ordinarji promulgati mill-istat ma kienux jassiguraw lic-cittadin il-protezzjoni shiha u allura l-istat ikun naqas li jipprovdi tali protezzjonji, allura ma jkun hemm xejn x'izomm lill-individwu milli jagixxi kontra min kien responsabbili direttament ghall-vjolazzjoni cjoe` kontra l-individwu u ghar-ridress li jista' jkollu wkoll kontra l-istat."*

L-istess Onorabbli Qorti qalet ghar-rigward li: *"Kwantu ghall-kwistjoni sollevata mill-intimati li l-procedura quddiem il-Bord ta' Dixxiplina f'kumpanija privata mhumiex protetti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dina l-Qorti hi tal-fehma li*

*dawn il-proceduri dixxiplinarji mhumiex esklusi u jistghu jaqghu taht dana l-artikolu jekk certi kriterji jigu sodisfatti bhal per ezempju kif in-norma li allegatament qed tigi vjolata tigi klassifikata fis-sistema legali domestika; l-iskop ta' tali norma u natura u l-gravita' tal-piena li tista' tigi imposta fuq min jivvjola dina n-norma."*

Illi ghalhekk huwa car li l-kostituzzjoni unilaterali tal-Bord ta' Dixxiplina mill-kumpanija tikkostitwixxi ksur tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent Joseph Muscat, u dan b'mod irrimedjabbli, kif ukoll ksur tal-ftehim kollettiv applikabbli ghall-haddiema tas-socjeta` intimata u ghalhekk ukoll vjolazzjoni irrimedjabbli tal-jeddijiet tal-union esponenti.

Illi ghalhekk huwa essenzjali li l-kumpanija intimata tigi inibita kif fuq spjegat;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu *a tenur* ta' l-Artikolu 875 (2) tal-Kap.12 li l-hrug ta' dan il-mandat jigi milqugh b'effett immedjat fuq bazi provizorja sakemm din l-Onorabbli Qorti jkollha l-opportunita' li taghti smigh lill-partijiet, u titlob in oltre li tali mandat jigi notifikat u ezegwit b'urgenza okkorrendo wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Marzu 2016, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Malta Freeport Terminals Ltd datata 18 ta' Marzu 2016 a fol 8 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' April 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom Dr Aaron Mifsud Bonnici u Dr Joseph Zammit Maempel. Id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li ma waslux fi ftehim. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimata, Malta Freeport Terminals Limited, milli tappunta jew tlaqqa' Bord ta' Dixxiplina u milli tressaq 'il quddiem proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti Joseph Muscat *stante* li dawn ikunu bi ksur tal-ftehim kollettiv applikabbli u bi vjolazzjoni tal-jedd ta' smigh xieraq tal-imsemmi rikorrent.

Illi s-socjeta' intimata opponiet ghat-talba billi ma jinkorrux l-elementi rikjesti mil-Ligi ghall-hrug tal-Mandat odjern, partikolarment ir-rekwisit ta' pregudizzju rrimedjabbli billi l-Ftehim Kollettiv jistabbilixxi li hemm appell minn kull

decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u l-ligi taghti d-dritt lil kull impjegat li finalment iressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali.

Illi l-fatti li jemergu mill-atti li huma ta' rilevanza ghat-talbiet, huma, fil-qosor is-segwenti:-

1. Joseph Muscat jinsab akkuzat mis-socjeta' intimata, l-*employer* tieghu, ta' agir lesiv ghall-interessi tal-istess socjeta' u konsegwentement gie avzat biex jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

2. Skont il-Ftehim Kollettiv applikabbli ghall-kumpanija intimata, Bord tad-Dixxiplina kostitwit biex jisma' kazijiet simili ghandu "*ikun kompost minn Chairman u zewg membri li jigu maghzula mill-Kumpannija wara konsultazzjoni mal-Union.*"

3. Il-komposizzjoni attwali tal-Bord tad-Dixxiplina gie miftiehem mal-UHM li dak iz-zmien kellu r-rapprezentanza tal-Haddiema. Dan il-punt li jemergi mir-risposta tal-intimata mhuwiex ikkontestat izda f'Gunju 2016 il-GWU inghatat ir-rikonoxximent bhala l-Union rapprezentattiva tal-haddiema. Ma jirrizultax lil din il-Qorti li kien hemm tibdil fil-komposizzjoni tal-Bord fil-frattemp.

4. Hu pacifiku li l-haddiem ghandu dritt ghall-appell mid-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina quddiem il-Bord ta' l-Appell

u sussegwentement skont il-kaz, quddiem it-Tribunal Industrijali.

**Xhieda**

Xehed **Sandro Vella,** segretarju fit-Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-GWU.[1] Qal li l-GWU ghandha r-rikonoxximent bhala l-union rapprezentattiva tal-haddiema tal-Freeport. Ma gewx ikkonsultati dwar il-komposizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina imma komplew fuq dak li kien hemm qabel. Qal li l-Union irid ibiddel il-komposizzjoni u suggerew li c-Chairman ikun maqbul bejn iz-zewg nahat; ikun hemm rapprezentant tal-Union u rapprezentant min-naha tal-kumpanija.[2] Qal ukoll li l-GWU ma qabblitx dwar il-komposizzjoni tal-Bord u ma kienx hemm konsultazzjoni. Madanakollu in **kontro-ezami** qal li l-Bord kien kostitwit skont il-Ftehim Kollettiv miftiehem mal-UHM.

Minn Gunju 2015 il-GWU deher f'diversi kazi quddiem il-Bord fejn iddefenda lill-haddiema izda dejjem sostniet li ma gietx ikkonsultata dwar il-komposizzjoni tal-Bord. Madanakollu l-Ftehim Kollettiv ghadu vigenti.

Xehed **Duncan Borg Myatt** Direttur HR fil-Malta Freeport Terminals Ltd[3] u qal li l-GWU giet rikonoxxuta minnflok il-UHM f'Gunju 2015 u minn dak iz-zmien saru laqghat

[1] Seduta tat-22 ta' Marzu 2016.
[2] Dok SV1
[3] Seduta tat-22 ta' Marzu 2016.

sabiex jigi negozjat Ftehim Kollettiv gdid fuq diversi punti. Xi hmistax qabel kellhom talba mill-UHM sabiex terga' tigi rikonoxxuta bhala l-Union rapprezentattiva tal-haddiema, liema process ghadu pendenti. Qal li bejn Gunju 2015 u Marzu 2015 kellhom disa' Bordijiet ta' Dixxiplina li sebgha minnhom gew difizi mill-GWU. Dawn gew imwaqqfa b' konsultazzjoni mal-UHM.[4] Attwalment il-Bord hu kompost minn zewg membri, cioe` Jason Montebello, u Adrian Cachia u Jesmond Baldacchino bhala sostitut. Qal li c-Chairman, Frank Azzopardi, kien direttur HR fis-socjeta' intimata u l-membri li semma' huma rispettivament, Jason Montebello Director - Finance, Adrian Cachia, Assistant Manager – Finance, filwaqt li Jesmond Baldacchino huwa Head fl-IT Department. Ghalhekk il-Bord huwa kompost interament minn impjegati tal-kumpanija u c-Chariman HR Manager tal-kumpannija. Dawn gew appuntati b'konsultazzjoni mal-UHM. Madanakollu l-istess xhud ammetta li ried jibda sistema fejn ic-Chairman jintghazel minn barra l-kumpanija u Frank Azzopardi kien konsulent imbaghad mal-Freeport.

Ix-xhud qal li bil-kelma konsultazzjoni, jifhem li jinfurma lill-Union. Il-UHM ma sabx oggezzjoni dwar il-hatra ta' Frank Azzopardi bhala Chairman. Insista li l-Union qatt ma nnotifikat lill-kumpannija li kienet qed toggezzjona ghac-Chairman attwali. Qal li ma jsibx oggezzjoni li tinbidel il-komposizzjoni tal-Bord imma jinzamm il-process ta'

---

[4] DOk DMB1

konsultazzjoni u mhux qbil mal-Union billi huwa marbut mal-Ftehim Kollettiv vigenti.

Gew esebiti r-regolamenti tad-Dixxiplina applikabbli ghall-kaz (**Dok SV2** a fol 16).

Skont ir-regolament 1.1. "*Il-Bord ta' Dixxiplina jkun kompost minn Chairman u zewg membri li jigu maghzula mill-Kumpanija wara konsultazzjoni mal-Union."*

Skont ir-regolament 1.3.5 (c) *"Il-Bord tad-Dixxiplina ghandu jiddetermina liema penali ghandha tigi imposta, li tinkludi imma mhux limitata ghal, twissijiet bil-miktub, sospensjoni minghajr paga, tkeccijiet u x'mizuri addizzjonali ghandhom jittiehdu biex tigi evitata r-ripetizzjoni tal-offiza mwettqa mill-impjegat."*

Il-procedura ta' tkeccija hija bla pregudizzju ghad-dritt tal-impjegat li jressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali (Reg.1.4) u l-Bord ta' l-Appell ghandu jiddeciedi hu liema huma l-kazi appellabbli (Reg.1.5) filwaqt li l-procedura ghal dan l-appell johrog mir-regolament 1.6.

Taht il-kap intestat **Tibdil fir-Regolamenti,** hemm stipulat li skont ir-regolament **numru 5** il-Kumpanija u l-Union ikollhom id-dritt li jitolbu tibdil f'dawn ir-regolamenti wara li jikkonsultaw lil xulxin.

<u>**Dritt:**</u>

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizzi mir-rikorrent tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[5] It-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[6] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre` huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-

[5] Ara f'dan is-sens **"Grech proprio et nomine vs Manfre"** – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "40, Main street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar" (P.A. RCP – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[6] Ara f'dan is-sens **"Emmanuel Sammut vs Josephine Sammut"** P.A. TM - deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

**Dritt '*Prima facie*'**

Ir-rikorrenti jilmentaw principalment li l-kostituzzjoni unilaterali tal-Bord tad-Dixxiplina tikostitwixxi ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq ta' Joseph Muscat b'mod irrimedjabbli. Jghidu li d-drittijiet sanciti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea japplikaw fil-kaz ta' Bord ta' Dixxiplina interna fir-relazzjonijiet bejn persuni privati.

In sostenn tat-tezi taghhom ir-rikorrenti jiccitaw bran minn sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet ***Raymond Zammit v General Workers' Union*** *(dec. fid-29 ta' Ottubru 2007).* Din il-kawza kienet tirrigwarda l-jedd tal-impjegat li jkun meghjun minn persuna ta' fiducja tieghu quddiem Bord tad-Dixxiplina fi proceduri istitwiti kontrih mill-GWU. Is-sentenza ccitata giet ikkonfermata in parti mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Jannar 2010. Is-sentenza tal-Qorti fil-prim'istanza kienet tirrigwarda l-kap tal-ispejjez. Madanakollu l-ewwel Qorti f'dak il-kaz irribadiet hekk:

*"Bl-istess argument, kwantu ghall-eccezzjoni ta' l-intimati li dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni fir-rigward ta' lapplikazzjoni tad-disposizzjonijiet protettivi Kostituzzjonali u Konvenzjonali fir-relazzjonijiet bejn il-persuni privati, il-Qorti tirrileva li dan l-aspett tad-dritt kostituzzjonali ghadu mhux ghall kollox ben definit. Skont il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali taghna l-posizzjoni hi li l-individwu bhala regola ghandu dritt ghal protezzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tad-jeddijiet fondamentali tieghu anke jekk kommessi minn persuni li ma kienux l-istat, izda l-individwu l-ewwel irid ifittex il-protezzjoni kontra dawn il-vjolazzjonijiet taht il-ligijiet ordinarji. Jekk imbaghad dawn il-ligijiet ordinarji promulgati mill-istat ma kienux jassiguraw lic-cittadin il-protezzjoni shiha u allura l-istat ikun naqas li jipprovvdi tali protezzjonij, allura ma jkun hemm xejn x'izomm lill-individwu milli jagixxi kontra min kien responsabbili direttament ghall-vjolazzjoni cioe` kontra l-individwu u ghar-ridress li jista' jkollu wkoll kontra l-istat.*

*Fil-kaz in ezami dina l-Qorti diga` ddecidiet li r-rikorrent ma esawriex ir-rimedji ordinarji ghalhekk ma kellux dritt li jagixxi kontra l-individwu ghal lezjoni tal-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.*

*Kwantu ghall-kwistjoni sollevata mill-intimati li l-procedura quddiem il-Bord ta' Dixxiplina f'kumpanija privata mhumiex protetti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dina l-Qorti hi tal-fehma li dawn il-proceduri dixxiplinarji mhumiex eskluzi u*

*jistghu jaqghu taht dana l-artikolu jekk certi kriterji jigu sodisfatti bhal per ezempju kif in-norma li allegatament qed tigi vjolata tigi klassifikata fis-sistema legali domestika; l-iskop ta' tali norma u natura u l-gravita' tal-piena li tista' tigi imposta fuq min jivvjola dina n-norma"*

Il-Qorti tal-Appell ghazlet li timposta r-ragunament taghha fuq il-principji tal-gustizzja naturali u rribadiet hekk:-

*"Din il-Qorti tibda biex tafferma l-principju li l-obbligu li jigu osservati l-principji ta' gustizzja naturali hu impost, fi kliem il-House of Lords fil-kawza Board of Education v. Rice, deciza fl-1911, (A.C. 179) "upon everyone who decides anything". Il-principji accettati ta' gustizzja naturali huma zgur tnejn: nemo iudex in causa propria u audi alteram partem. Fil-kawza Gonzi v. Malta Drydocks Corporation et., deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, intqal hekk fil-kuntest ta' dawn il-principji: 'Fl-ordinament guridiku bhal taghna it-tutela tal-jeddijiet fundamentali bazat ukoll fuq il-principji ta' gustizzja naturali tantecedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni b'hafna u hafna decenni u spiss taghti kopertura aktar u aktar komprensiva lil dawn il-jeddijiet. Ara 'Grazio Tabone et vs L-Avukat Generali tar-Repubblika, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000;*

*Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet*

*u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha. Ara f'dan is-sens decizjonijiet riportati a Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648 u Vol. XXXVII P II p 675, fost ohrajn;".*

Id-difensur tas-socjeta' intimata ssottometta li l-proceduri in mertu quddiem il-Bord tad-Dixxiplina jirrigwardaw l-amministrazzjoni interna tal-istess socjeta'. Huwa dritt ta' min ihaddem li jiehu passi dixxiplinari kontra l-haddiema tieghu u dan jista' jaghmlu internament u lanqas hija mehtiega l-istruttura ta' Bord sabiex jiehu dawk il-mizuri necessarji ghall-protezzjoni tal-interessi azjendali tieghu.

Tajjeb li jigi senjalat li l-Ftehim Kollettiv ghadu vigenti u ghalkemm hemm diskussjonijiet ghaddejjin mal-GWU dawn huma mifruxa fuq diversi punti u mhux biss fuq il-komposizzjoni tal-Bord. Inoltre mhuwiex qed jigi ssuggerit li l-Bord kif attwalment kompost mhuwiex konformi ma' dak miftiehem fil-Ftehim Kollettiv.

Dan kollu premess din il-Qorti ma tistax tinjora l-ilment tar-rikorrenti li jiehdu bhala punt ta' riferenza principji kostituzzjonjali jew konvenzjonali li jiggarantixxu smigh xieraq. Il-komposizzjoni attwali tal-Bord li jikkomprendi almenu tnejn minn tlieta li huma parti mill-*management t*al-

kumpanija, u c-*Chairman* li kien *Manager* tal-*Human Resources*, kollha fl-istess kumpanija, tohloq dubbji, mqar *prima facie*, dwar il-garanzija tal-principju tal-gustizzja naturali - *nemo iudex in causa propriam*.

Il-Qorti taqbel li l-funzjoni dixxiplinarja hija essenzjalment funzjoni managerjali izda gjaladarba is-socjeta' intimata hija obbligata bil-Ftehim Kollettiv li tezercita din il-funzjoni *tramite* Bord tad-Dixxiplina imwaqqaf ghal dan il-ghan, u ma thallix id-decizjoni f'idejn Direttur jew *Manager* wahdu, (kif isir f'hafna azjendi) ghandha tassigura li l-proceduri jsiru bl-osservanza tal-principji naturali tal-*audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propriam*. Bla dubbju ghalhekk ir-rikorrent ghandu dritt anke *'prime facie'* biex jitlob li jitwaqqaf il-process jekk dawn il-principji mhumiex ser jitharsu.

Riferibbilment ghall-kontestazzjoni dwar l-applikabbilita' bejn persuni privati tal**-artikolu 6** tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-kuntest ta' Bord ta' Dixxiplina interna, din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li din il-kontestazzjoni tesorbita mill-kompetenza taghha llum, izda timmerita approfondiment fil-forum kompetenti. Madanakollu anke fuq dan il-binarju, ssib li r-rikorrent jista' jinvoka dawn l-artikli ghall-finijiet tal-procedura odjerna.

Ghaldaqstant issib li r-rikorrent ipprova li ghandu dritt *prima facie* biex jitlob il-hrug tal-Mandat odjern.

**Htiega**

Madanakollu mhix tal-fehma li jezisti l-element ta' htiega irrimedjabbli rikjest ghall-hrug ta' dan il-Mandat. Kif johrog mill-atti u kif gie sottomess fit-trattazzjoni, l-istess Ftehim Kollettiv jistipula jedd ta' appell ghall-Bord tal-Appell u dan oltre rimedji ulterjuri disponibbli ghar-rikorrent quddiem it-Tribunal Industrijali u l-Qrati ordinarji. Id-decizjoni tal-Bord hija ghalhekk sindakabbli mhux biss minn Bord iehor, imma minn Tribunali u Qrati li huma marbuta bil-principji kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati u mhuwiex eskluz li kwalsiasi decizjoni mehuda mill-Bord tad-Dixxiplina tigi rovexxjata.

Ghaldaqstant ma ssibx li r-rikorrent ipprova l-htiega ghat-talba tieghu.

**<u>III. DECIDE.</u>**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, **taqta' u tiddeciedi**, billi ma jirrizultax li r-rikorrent gab il-quddiem l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern, ghaldaqstant tirrevoka *contario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' Marzu 2016 u **tichad** it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif dedotta.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti *in solidum* bejniethom.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' April 2016**